# L-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919 fit-tifkiriet ta' Herbert Ganado

Nhar is-Sibt, 7 ta' Ġunju 1919, l-Assemblea Nazzjonali kellha tiltaqa' t-tieni darba fil-Giovine Malta. Ġie magħżul is-Sibt biex id-delegati u n-nies ikunu jistgħu jikkonkorru iktar.

Għal xi l-erbgħa ta' waranofsinhar jiena u ħija ma' ommna dħalna l-Belt. Malli l-folla, li kienet kbira u eċitata, lemħet lit-Tabib Sceberras, għamlitlu dimostrazzjoni enormi. Kienet dimostrazzjoni tal-poplu kollu. L-iktar li ċapċpu u għajtu kienu l-istudenti tal-Università u l-ħaddiema tat-Tarzna li kienu ġew bl-eluf.

Ġużè Orlando, wieħed mil-Laburisti l-iktar sħan ta' dik il-ħabta, jgħid fil-librett tiegħu fuq is-Sette Giugno: "It-Tabib Sceberras kien raġel konoxxut għall-onestà tiegħu u rrispettat mill-poplu kollu. U dakinhar tas-Sette Giugno l-poplu, li kien poplu nkurlat, lil Sceberras laqgħu b'applawsi kbar u unanimi." It-Tabib Sceberras daħal fil-Giovine Malta, fejn Dr Mizzi, il-president taċ-ċirkolu, u oħrajn kienu jistennewh fil-bieb. Aħna morna għand Żerrek li kellu gallarija mikxufa tagħti għal Strada Santa Lucia, bieb ma' bieb mal-Giovine Malta. Għand Żerrek iltqajna maz-zija Ida li kienet ma' Alda u Iris.



Laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali dakinhar tal-irvellijiet

## Ħadd ma kien qed jistenna rewwixta

Għad li kulħadd kien jgħid illi dakinhar kien ser ikun hemm fil-Belt ġemgħa kbira ta' nies u aktarx xi storbju, ħadd ma kien jistenna li ser issir rewwixta. Żgur li la t-Tabib Sceberras, li kien il-kap tal-moviment kollu, u lanqas l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Kuruna, li kien fiċ-ċentru tal-amministrazzjoni, ma kienu jobsru li ser iqum inkwiet serju. Dana ngħidu mhux biss għax innannu, li konna nkunu dejjem għandu, qatt ma semma xejn, imma wkoll għax, kieku kien jistenna xi rvell kbir kien jgħid lill-mamà u liz-zija Ida biex ma jdaħħlux 'l uliedhom żgħar il-Belt. Il-papà, li kien militar, kieku l-Militar kien jaf li ġej l-inkwiet serju, ma kienx iħallina nidħlu l-Belt. U l-Prof. Arturo Mercieca, li kien Assistent Avukat tal-Kuruna, kieku kien jaf li ġejjin l-irvellijiet, ma kienx imur Tas-Sliema u joqgħod jinkwieta ruħu meta sema' x'kien ġara, kif qalilna fil-memorji tiegħu, għax ħalla l-familja l-Belt.

L-istess Pulizija, għad li pprevediet xi storbju u talbet fil-5 ta' Ġunju li jigu ppustjati xi suldati f'Kastilja, ma basret qatt x'kien ser jinqala'. Il-Pulizija, kif qalet il-Kummissjoni tal-Inkjesta li saret fuq l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, ma kinitx intebħet bil-gravità tas-sitwazzjoni: "Evidently the Police did not appreciate the gravity of the situation".

L-ewwel li tat fil-għajn kienet il-bandiera Maltija bl-Union Jack f'nofsha tperper fuq il-bejt tan-negozju, A La Ville de Londres. Billi l-folla, meta ltaqgħet l-Assemblea fil-25 ta' Frar, kienet għamlet għal dak in-negozju, għax ma kienx għalaq u kissritlu l-armatura, malajr ftakret fih u fittxet ix-xagħra fl-għaġina. Dik id-darba l-ħwienet kollha kienu għalqu u, A La Ville de Londres għamel bħalhom. Il-folla mill-ewwel għamlet għal dik il-bandiera. Il-bieb tan-negozju ġie żgassat u l-bandiera ġiet imqattgħa u mqaċċta bl-arblu b'kollox.

Dan l-inċident ta, mill-ewwel, nota anti-Ingliża lid-dimostrazzjoni. Kieku d-dimostrazzjoni anti-Ingliża saret fil-25 ta' Frar, waqt li ltaqgħet l-ewwel Assemblea Nazzjonali, kien ikun fiha sens, għaliex kienet tkun turi lill-Gvern Ingliż il-poplu Malti kemm kien iddejjaq bil-ħrafa ta' kostituzzjoni li kellu, wara iktar minn mitt sena ta' dominazzjoni totali Ingliża u kuntrarjament għax-xewqa tal-Maltin. Imma, fis-7 ta' Ġunju, l-Assemblea Nazzjonali kienet iltaqgħet biex tieħu l-ewwel passi wara d-dispaċċ inkoraġġanti illi s-Segretarju tal-Istat kien bagħat lill-Gvernatur illi fih qallu, kif ġa rajna, li l-Gvern Ingliż kien ser jistudja, meta jasal f'Malta l-Gvernatur il-ġdid Lord Plumer, b'liema mod u sakemm kien jista' jilqa' x-xewqa tal-Maltin biex ikunu jistgħu jiggvernaw iktar lilhom infushom.

Iżda l-poplu kollu, min għal raġuni u min għal oħra, kien inkurlat u kien imxewwex mill-ġurnali popolari. Dawk għalhekk li riedu jqanqlu l-inkwiet ma kellhomx ħlief jitfgħu sulfarina biex il-folla tesplodi. Dik id-daqsxejn ta' dimostrazzjoni kontra l-bandiera ta' A La Ville de Londres kienet is-sulfarina. Minn bandiera waħda l-poplu għadda għall-bandieri l-oħra. F'dik il-ħabta l-bandiera Ingliża biss kienet titla' fuq id-Dipartimenti tal-Gvern. Il-bandiera Maltija kienet imwarrba u mhux rikonoxxuta uffiċjalment mill-Gvern Kolonjali. Issoltu, meta ma tkunx festa, id-Dipartimenti tal-Gvern ma kienx ikollhom bandiera. Inzerta illi dakinhar id-Dipartimenti kollha tal-Gvern kienu tellgħu l-bandiera Ingliża nofs lasta, għax kien miet il-President tal-Qorti, Sir Vincent Frendo Azzopardi. Il-Bibljoteka, fil-Pjazza Reġina, kellha għalhekk dakinhar il-bandiera Ingliża mniżżla sa nofs l-arblu, b'sinjal ta' luttu. Iżda parti mill-folla kienet diġà marret lejn il-Club tal-fizzjali Ingliżi fi Strada Rjali, fejn illum hemm il-Mużew Nazzjonali, u bdiet tinsisti li kellu jagħlaq il-bieb. Beda għaddej il-ġebel li kissru xi ħġieġ. Kien hemm xi fizzjali li ġew insultati. In-nies għamlet ukoll għall-pulizija li ttantat trażżan il-folla quddiem il-Club. Il-folla mbagħad inġemgħet quddiem il-Bibljoteka u bdiet tinsisti li titneħħa l-bandiera Ingliża. Is-Surġent tal-Pulizija Pillow u l-Kuntistabbli Grixti, li ppruvaw jarrestaw xi żgħażagħ li kienu qed jitfgħu l-ġebel, ġew assaltati mill-folla u ma setgħu jagħmlu xejn. Ir-raġel, li kien għassa fil-Bibljoteka, niżżel il-bandiera.

## Xejra għall-agħar

Dr Albert Laferla jgħid li d-dimostrazzjonijiet tas-Sette Giugno ħadu xejra għall-agħar meta l-folla rat lill-Pulizija tagħlaq il-bibien tal-Palazz u n-nies bdiet tgħid: "Qed jibżgħu." Aktarx li Dr Laferla ta importanza esaġerata lil dan il-fatt. Il-poplu kien ġie l-Belt inkurlat.

Jidher ċar illi dawk li kienu qegħdin imexxu l-folla, għax il-folla timxi skont l-għajta, riedu jkomplu jagħtu ton anti-Ingliż lid-dimostrazzjoni, tant li l-folla bdiet miexja lejn il-Liċeo, fejn kien hemm bandiera Ingliża oħra fuq it-turretta tal-Air Force, li kienet uffiċċju meteoroloġiku taħt il-Professur Masu Agius tal-Fiżika. Nies oħra fejn il-Palazz bdew jitfgħu l-ġebel lejn il-ħġieġ. Il-folla ta' fejn il-Liċeo kissret dik il-loġġa tal-ħġieġ, li kienet tagħti għal Strada Merkanti, daħlet ġewwa, farrket kulma sabet u kulma ġie għal idejha, siġġijiet, bankijiet, kotba, skrivaniji, mapep. Xi nies telgħu fuq it-turretta, qaċċtu l-bandiera Ingliża minn mal-arblu u tefgħuha għat-triq. Fit-turretta kien hemm żewġ suldati Ingliżi li ma ndaħlux. Il-folla tat-triq tat in-nar lill-bandiera Ingliża u lill-mobbli li kienu ntefgħu għat-triq. Is-sitwazzjoni għalhekk kienet bdiet tisserja. Wieħed minn dawk li kienu ħarqu l-bandiera, ċertu Bartolo, fl-aħħar gwerra kien ġie internat.

Il-folla mil-Liċeo reġgħet lura lejn il-Pjazza. Fil-Pjazza, quddiem il-Main Guard, kien hemm is-suldati Ingliżi jimmuntaw l-għassa. Il-folla bdiet tinsultahom u l-N.C.O., li kien responsabbli tal-għassa, għalaq il-bieb tal-Main Guard. Hekk ukoll ġew magħluqa l-bibien tal-Palazz.

Issa proprju fi Strada Teatro, jagħti għall-Pjazza, kien hemm l-uffiċċju tad-Daily Malta Chronicle, il-ġurnal imperjalista li, fl-istrajk tat-Tarzna, ma kienx iġġieled għad-drittijiet tal-ħaddiema u li kien ippubblika ittra, wara l-istrajk, li ġiet ikkundannata. L-Unjin tat-Tarzna kienet bagħtet protesta lill-Chronicle, iżda din ma ġiet qatt ippubblikata. Il-Professur Bartolo sostna illi dik l-ittra ma kinitx waslet lill-Chronicle. Għaldaqstant in-nies tad-Dockyard kellhom lanżita kontra l-Chronicle. Barra minn hekk, in-Nazzjonalisti, li kienu numerużi sewwa f'dik il-folla, kienu jħarsu lejn il-Chronicle bħala l-ġurnal imperjalista jaqdi dejjem il-Gvern Ingliż. Irriżulta li l-attakk fuq il-Chronicle kien ġie ppjanat fit-Tarzna u li l-Professur Bartolo kien jaf bih.

Jidher li xi ħaddiema tat-Tarzna, li fosthom seta' kien hemm id-Dimekkjani, li kellhom ċerta vuċi, kienu ġew lesti għall-Chronicle, għaliex ġew bl-iskorfini u bil-viti kbar, li mbagħad, meta l-uffiċċju tal-Chronicle ġie attakkat, tefgħu fil-magni tal-istamperija li bdew jinkisru. Wieħed mill-proprjetarji tal-Chronicle, is-Sur Giusè Bartolo, kien irnexxielu jaħrab meta l-folla daħlet bħal mewġa kbira ġo dak l-uffiċċju.

Waqt li parti mill-folol ta' dakinhar kienu qegħdin jattakkaw u jkissru l-istamperija tal-Chronicle, parti oħra mill-folol marret lejn Strada Forni. Fi Strada Forni l-folla reġgħet inqasmet fi tnejn. Mijiet marru jassaltaw id-dar ta' Ċikku Azzopardi, li kienet 'l isfel nett ta' Strada Santa Lucia, u mijiet oħra marru jassaltaw id-dar tas-Sur Tonin Cassar Torregiani fi Strada Forni stess.



Suldati skjerati fil-Belt Valletta waqt li l-Maltin kienu qed jipprotestaw

## il-ġurnali jxewxu kontra Ċikku Azzopardi

Ċikku Azzopardi kellu kontra tiegħu l-Mizzjani u l-istudenti tal-Università. Il-Mizzjani ma kinux jaħmluh għaliex kien ħa post Mizzi fil-Kunsill u għamillu l-kawża biex iqaċċtu 'l barra u jieħu postu. L-istudenti tal-Università, ftit ġranet qabel, kienu tefgħulu salt bajd ma' wiċċu għax kien żamm mal-Gvern fil-kwistjoni li kellhom fuq il-lawrji. Il-ġurnali wkoll kienu jxewxu kontra Ċikku Azzopardi, li kien kunsidrat, b'raġun jew b'tort, bħala l-politiku elett mill-poplu, imma mixtri mill-Gvern. Kien ivvota wkoll fil-Kunsill favur it-Taxxa tas-Suċċessjoni, u għad għandi f'widnejja vers ta' poeżija kontra tiegħu, li kont qrajt jew fuq Il-Hmar jew fuq L'Unioni Maltija. Dan il-vers kien: 'Is-Sur Ċikk li vvota t-taxxi'. Dari tivvota għat-taxxi kien wieħed mis-seba' dnubiet kapitali. Il-Gvern kien innominah president ta' ħafna Bords u sa għamlu O.B.E. Il-poplu għalhekk ma fdahx iżjed.

Aħna, mill-gallarija ta' Żerrek, għall-bidu ma konniex nafu x'qiegħed jiġri Konna nisimgħu l-għajjat, imma ma rajniex ħlief ix-xmara tal-folla għaddejja minn Strada Rjali eċitata u rrabjata. Mument minnhom xi ħadd fit-triq qal: "Qegħdin iqattgħu l-bandieri Ingliżi." Iz-zija Ida tħajret li tieħu t-tfal il-Furjana. Ommi, li kienet tħobb id-dimostrazzjonijiet politiċi, ma riditx. Aħna inqas ma ridna. Il-mamà u z-zija Ida, billi kellhom lil missierhom, raġel xiħ u marid, jippresiedi l-Assemblea, spiċċaw biex qagħdu t-tnejn, għax ma ħassewx li kellhom jitbiegħdu minnu.

Il-ġrajja li ddeskrivejt ma ħaditx ħafna ħin. Il-folla kienet donnha mgħaġġla u kulma semmejt sar f'inqas minn siegħa. F'ċertu ħin, għal ftit wara l-ħamsa, tfaċċat fi Strada Forni dik il-folla kbira, waqt li nies oħra bdew neżlin jingħaqdu magħha minn Strada Rjali. Dawk li marru lejn id-dar tas-Sur Tonin Cassar Torregiani, wieħed mill-importaturi l-kbar tal-qamħ, rajniehom għaddejjin jgħajtu kemm jifilħu.

Stajna naraw tajjeb, imma ma fhimniex l-għala parti mill-folla kienet niżlet fi Strada Santa Lucia 'l isfel. Beda jinstema' ħafna għajjat u ħafna rvell. U, wara ftit, bdew neżlin il-mobbli, l-affarijiet u l-karti għat-triq. Xi ħadd daħal jiġri għand Żerrek u qal: "Qegħdin jattakkaw id-dar tas-Sur Ċikku Azzopardi."

Jiena, li kelli rasi mimlija b'dak il-vers tas-Sur Ċikk li vvota t-taxxi u li kont ħadt parti fid-dimostrazzjoni ta' meta l-istudenti, li tefgħulu l-bajd, ġew liberati, bdejt inċapċap mill-gallarija ta' Żerrek. U l-mamà ħatfitni minnufih u qalti niskot, għax pulizija, li kien għaddej bil-ġirja, ħares lejn il-gallarija.

Sadattant il-Pulizija, meta rat li ma kinitx tista' tlaħħaq u tikkontrolla dik il-folla rrabjata, li kienet bdiet tattakka, tiżgassa u tkisser, għal xi l-ħamsa ċemplet lill-Militar.

L-Acting Commissioner tal-Pulizija ċempel lill-G.S.O. illi kien hemm bżonn li jindaħlu t-truppi. Fil-pajjiż il-Ġeneral Hunter-Blair, il-Ġeneral tal-Artillieri, kien qiegħed jagħmilha ta' Gvernatur. Dan iddeċieda, fuq it-talba tal-Pulizija, li joħroġ it-truppi. U hawn sar żball kbir. L-iżball kien mhux li ħareġ it-truppi, imma kien imissu ħareġ numru kbir ta' truppi, li kien jirnexxilhom irażżnu l-folla bla sparar, imma sempliċement bil-preżenza tagħhom. It-truppi li ntbagħtu l-Belt għall-ħamsa u nofs ta' filgħaxija kienu 64 ruħ biss, biex ilaħħqu ma' folol ta' eluf li kienu diġà qegħdin jattakkaw fi Strada Teatro, fi Strada Forni u fi Strada Santa Lucia. L-64 suldat kienu mill-Composite Battalion, imlaqqat minħabba l-gwerra mill-fdal ta' bosta reġimenti. It-truppi daħlu l-Qorti fejn kien hemm l-istazzjon prinċipali tal-Pulizija.

In-nies fit-triq, kif smajniehom aħna stess, bdew jgħajtu: "Bagħtulna s-suldati. Ġew is-suldati."

Min donnu kien qiegħed jibża' u min kien iktar ifferoċja. Sitt suldati, taħt il-kmand ta' Major Ritchie, il-G.S.O., u ta' Captain Ferguson, niżlu minn Strada San Giovanni lejn Strada Forni, biex jipproteġu d-dar tas-Sur Tonin Cassar Torregiani, li kienet ġiet assaltata mill-folla; magħhom kien hemm is-Supretendent A. Busuttil. Il-mobbli tad-dar kien qegħdin jiġu mitfugħa mit-twieqi għal barra. Niftakar xi ħadd kien tela' jiġri minn quddiemna jgħajjat kemm jiflaħ: "X'waħda din, tefgħu tarbija mit-tieqa."

Iżda din it-tarbija ma kinitx ħlief pupa. Il-folol ta' pajjiżna, għall-grazzja ta' Alla, ukoll meta jkunu rrabjati, għad ma waslux biex jisfogaw fuq it-tfal innoċenti.

Sadattant, fl-Assemblea Nazzjonali, ħadd ma kien jaf x'kien qiegħed isir barra. Imma hemmhekk ukoll kienet qiegħda ssir battalja politika bejn l-estremisti u l-moderati. Il-ġlieda bdiet mill-ewwel tal-laqgħa meta ġie biex jiġi magħżul is-segretarju tas-seduta. L-estremisti riedu lil Dr Enrico Mizzi, waqt li l-moderati ma riduhx u riedu lil Dr Ugo Mifsud. Il-moderati riedu jikkooperaw u jaċċettaw il-messaġġ tas-Segretarju tal-Istat bħala messaġġ ġenwin li kellu jiġi aċċettat f'dak l-ispirtu. L-estremisti dehrilhom li kien messaġġ qarrieqi. Rebħu l-moderati u ġie elett segretarju Dr Ugo Mifsud. U l-Assemblea bdiet ixxaqleb b'maġġoranza kbira lejhom meta ġew diskussi r-riżoluzzjonijiet.

## Riħa qawwija ta' gass

Xħin is-suldati Ingliżi kienu waslu u daħlu l-Qorti, is-sitwazzjoni fl-istamperija tal-Chronicle kienet gravi. Mal-istamperija kollha kien hemm riħa qawwija ta' gass. F'daqqa waħda waslu ħdejn l-uffiċċju tal-Chronicle għaxar suldati Ingliżi taħt il-kmand ta' Lieutenant Shields. Xħin is-suldati resqu lejn l-uffiċċju, in-nies li kienu ġewwa bdew jitfgħulhom bosta oġġetti. Mal-folla kien hemm bosta tfal li bħal għamlu xalata u bdew iwaddbu l-oġġetti bl-addoċċ.

Sadattant il-folla ta' Strada Forni u Strada Santa Lucia, li kienet laħqet fuq 2,000 ruħ, bdiet titfa' kulma jiġi f'idejha fuq is-sitt suldati taħt Captain Ferguson. Major Ritchie u Captain Ferguson wissew lis-suldati biex ma jisparawx. Għad-dehra tas-suldati, jgħid Ġużè Orlando li kien hemm, il-poplu iktar ħrax u bdew jgħidulhom xi insolenzi u kliem ta' theddid.

Major Ritchie, meta ra li sitt suldati ma kienu jistgħu jagħmlu xejn ma' folla bħal dik, daħħal is-suldati fid-dar ta' Cassar Torregiani u bagħat lil Captain Ferguson għar-rinforzi.

Il-folla allura bdiet tross fuq Captain Ferguson, tajritlu l-elmu, qattgħatlu l-libsa u ħaditlu r-rivolver bil-munizzjon. Captain Ferguson irnexxielu joħroġ mir-rassa tal-folla u rnexxielu jingħaqad ma' forza oħra ta' 24 suldat. Din it-truppa mmarċjat lejn Strada Forni. Il-folla laqgħet dawn is-suldati ġodda bl-għajjat u bis-suttar ta' fliexken u ta' njam. It-truppa ġiet ippustjata matul it-triq, xi wħud wiċċhom iħares 'l isfel tat-triq u xi wħud wiċċhom iħares 'il fuq. Il-fizzjali avżaw lit-truppa li ma kellhiex tispara mingħajr ordni.

Malli s-suldati niżlu għarkupptejhom u ħadu l-pożizzjoni bl-azzarin lejn il-poplu, il-folla beżgħet u reġgħet lura bosta jardi. Iżda kien hemm dawk li bdew jisfidaw is-suldati. Major Ritchie, li kien jikkmanda t-truppa tħares għan-niżla, ordna lis-suldati tiegħu jagħtu charge u fetħu t-triq ta' quddiemhom sa Strada San Giovanni. Hawnhekk ir-rapport tal-Kummissjoni tal-Inkjesta jgħid illi nstemgħu xi tiri minn tieqa ta' fejn id-dar ta' Cassar Torregiani.

Din il-parti tar-rapport hi importanti ħafna, għax tagħti l-impressjoni li kienu l-Maltin li sparaw l-ewwel fuq is-suldati. Ir-rapport ġie ffirmat minn tliet ċittadini Maltin, u żewġ kurunelli Ingliżi. Iżda, għad li l-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni fuq ix-xhieda li semgħet, għandha, bla dubju xejn, ċertu piż, ma jidhirx li saret il-prova ċerta li ġie sparat dan it-tir.

Żgur li s-suldati kienu taħt provokazzjoni kbira, però s-suldati huma ttrenjati biex jobdu l-ordnijiet. U l-ebda fizzjal ma tahom l-ordni biex jisparaw fi Strada Forni. Għalhekk, għad li hemm l-attenwanti tal-biża' li s-suldati, li kienu ftit, kellhom quddiem folla ostili ta' eluf, it-tort tagħhom li sparaw bla ordni, ħadd ma jista' jiċħdu. Kif ħadd ma jista' jiċħad l-iżball li għamel il-Ġeneral Hunter-Blair, li ma sejjaħx lin-Navy, jekk ma kellux truppi biżżejjed, biex tieħu s-sitwazzjoni f'idejha u tagħmel wirja ta' saħħa li kienet tevita t-tixrid tad-demm. Dana ammettietu l-istess Kummissjoni tal-Inkjesta.

għal paġna 14

# It-tifkiriet ta' Herbert Ganado

**minn paġna 13**

Il-fizzjal xehed li ma ta ebda ordni. U kieku ta ordni, flok is-suldati, kien ikun żbalja hu għax, qabel ma jispara bis-sod, suppost li jispara inbjank.

"Wieħed mis-suldati," jgħidilna Ġużè Orlando li kien fi Strada Forni, "ta l-ewwel tir bil-balla fuq il-poplu... u sħabu kkupjawh... il-balal bdew jinstemgħu jvenvnu fuq in-nies." L-Ispettur Borg, illum irtirat, li kien ra kollox meta kellu 16-il sena, qalli li sparaw salt suldati.

"Manwel Attard, ġuvni minn Tas-Sliema, li ġie milqut f'rasu, waqa' mejjet fil-kolp ħdejn id-dar ta' Cassar Torregiani, quddiem il-ħanut ta' Salafia. Oħrajn baqgħu feruti. L-għada tqiegħdet kuruna ta' fjuri fejn miet Attard. Giusè Bajjada," ikompli Orlando, "ġie milqut f'ġenbu ħdejn Strada Teatro. Il-bandiera Maltija, li kellu f'idu, tħabblet miegħu u waqa' ferut fuqha, imċappas bid-demm. Laħqu patri Karmelitan li tah l-assoluzzjoni. In-nies bdew jiġru... oħrajn bħal tilfu rashom u bdew jisfidaw lis-suldati u sa joffrulhom sidirhom. Iżda l-fizzjal beda jgħajjat 'cease firing, cease firing' u n-nar waqaf."



Kumitat li ħa ħsieb jiġbor fondi għall-familjari tal-vittmi

## "Qegħdin jisparaw fuqna"

Aħna smajna l-isparar u f'daqqa waħda bdiet ġejja minn Strada Forni riħa ta' porvli. In-nies bdiet tiġri eċitata u tgħajjat. Alda bdiet tibki kemm tiflaħ u bdiet iġġebbidni 'l ġewwa għax beżgħat li jolqtuni l-balal. Kien għad għandha xi ħdax-il sena. In-nies eċitata bdiet tgħajjat: "Qegħdin jisparaw fuqna. Hemm il-mejtin u l-feruti." Il-mamà u z-zija Ida riduna nidħlu ġewwa mill-gallarija. Iżda ma obdejniex. Bdew għaddejjin bil-feruti. Raġel minnhom kollu dmija merfugħ fuq l-idejn, daħlu bih fil-Giovine Malta. Kważi fl-istess ħin, ħdejn il-Chronicle kien hemm traġedja oħra. Il-fizzjal, Lieutenant Shields, meta xamm ir-riħa qawwija tal-gass ġol-uffiċċju tal-Chronicle, ordna lin-nies tiegħu joħorġu, għax beża' li jinqabdu hemm ġew, waqt xi esplożjoni tal-gass. Il-pożizzjoni tiegħu kienet diffiċli. Imma jmissu spara inbjank bir-rivolver tiegħu. Lieutenant Shields qal li ordna lil suldat jispara fl-art biex ibeżża' n-nies. Hu xehed li, kieku ħareġ is-suldati wieħed wieħed, il-folla fferoċjata kienet taqbeż fuqhom. It-tir ta' dak is-suldat laqat lil Lorenzo Dyer mill-Birgu. Dyer, li sab ruħu ferut għall-mewt, tah bħal ġenn, beda jiġri, żelaq u waqa'. Il-poplu refgħu u ħadu lejn il-Pjazza fejn spira. Dyer kellu bandiera Maltija ma' għonqu. Kien għalhekk il-Belt biex jieħu sehem fid-dimostrazzjoni patrijottika ta' dakinhar.

Malli l-poplu ra d-demm ifferoċja. Ħafna bdew jisfidaw lis-suldati li kellhom jirtiraw bil-bajjunetti ppuntati fuq il-folla biex jiddefendu ruħhom. Fizzjal u tmien suldati ġew imweġġgħa, xi wħud qabel u xi wħud wara l-isparar. Ix-xena fi Strada Forni, fi Strada Teatro u fil-Pjazza kienet xena tal-ġenn. Jiena rajt biss is-suldati jirtiraw lejn il-Qorti fi Strada Rjali bin-nies tinsultahom *u tisfidahom u xi żgħażagħ jgħajtu* quddiemhom. Rajt ukoll xi feruti kollha dmija sejrin lejn il-Berġa. Xi nies bdew għaddejjin bil-bandiera Maltija f'idejhom. Kieku dakinhar it-truppi ma kinux 'confined to barracks' kienet issir straġi sħiħa fi Strada Stretta. Ħafna nisa għaddew minn quddiemna jibku kemm jifilħu jfittxu mwerwrin lil żwieġhom u lil uliedhom.

B'danakollu, jgħidilna Orlando, illi hu stess ra żewġ baħrin, li msieken ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dawk il-ġrajja, jaqalgħu xebgħa għall-mewt fi Strada San Giovanni. Ra wkoll baħri ieħor attakkat ħdejn l-istazzjon tal-ferrovija u kellhom jeħduh mitluf mis-sensi fil-Guard Room ta' taħt Putirjal, fejn kien ipoġġi l-Picket tan-Navy.

B'kollox fis-Sette Giugno, barra l-mejtin, kien hemm mal-ħamsin ferut.

L-Assemblea Nazzjonali għall-ewwel ma kinitx taf x'kien qiegħed jiġri barra, iżda xħin daħlu b'ferut fuq l-idejn, kollu dmija, xi ħadd xarrab il-maktur tiegħu fid-demm, u beda jgħajjat: "Qegħdin joqtlu l-Maltin. Viva Malta. Dina hija l-bandiera Maltija." U beda jxejjer il-maktur abjad u aħmar bid-demm ta' dak il-ferut. Il-pittur Ġanni Vella, li kien preżenti fis-seduta, għamel skizz malajr ta' dan l-inċident li qiegħed inġib mal-istampi.

Fl-Assemblea qam eċitament kbir. Xi wħud mid-delegati ħarġu fil-gallarija kbira mikxufa tal-Giovine Malta, li tagħti għal Strada Rjali. Oħrajn ħarġu barra. Kien Monsinjur De Piro, li jidher eċitat fl-iskizz ta' Ġanni Vella, li salva s-sitwazzjoni. It-Tabib Sceberras bilwieqfa beda jċempel kemm jiflaħ il-qanpiena għall-ordni. Monsinjur De Piro, biex dik il-laqgħa ma tispiċċax fix-xejn bla konklużjoni, ippropona malajr il-mozzjoni li kienet l-iktar laqtet u għoġbot. Kienet il-mozzjoni tan-Nutar Salvu Borg Olivier. It-Tabib Sceberras, bħala President, *qegħidha għall-voti u għaddiet* unanimament. L-Assemblea Nazzjonali kellha hekk riżoluzzjoni x'tippreżenta lill-Gvern Ingliż.

Il-Konti Dr Alfredo Caruana Gatto, ta' bniedem prattiku u kostruttiv, iddeċieda li jindirizza u jikkalma l-folla u malajr ġiet iffurmata deputazzjoni, komposta minnu, minn Dr Serafino Vella u minn Monsinjur De Piro. Id-deputazzjoni marret għand il-Lieutenant Governor, talbitu jirtira t-truppi u assiguratu illi, jekk it-truppi jiġu rtirati, in-nies kienet tmur id-dar. Il-Lieutenant Governor aċċetta. Caruana Gatto indirizza l-folla li obdiet u bdiet tirtira.

Aħna, malli s-sitwazzjoni kkalmat, morna lejn id-dar. Ma sibniex karozzin u għaddejna mit-triqat imwarrba. Xħin wasalna l-Furjana morna għand in-nannu, li miskin kien eċitat, wara ġurnata bħal dik, u għajjien mejjet. Kellu 70 sena. Dr Preziosi ma telqux minuta għax beża' minn xi attakk f'qalbu bħal dak li ġa kien tah.

Il-Maltin, ukoll fir-rewwixti, billejl imorru d-dar mal-familja. U l-Belt malajr tbattlet. Iżda l-baħrin u l-Marines ippustjaw ruħhom fil-punti strateġiċi tal-Belt. Sadattant il-Ġeneral Hunter-Blair bagħat għall-flotta biex tiġi malajr lejn Malta u tħalli l-manuvri.

Il-Ħadd filgħodu, li kien Jum Pentekoste, in-nies tal-kampanja bdiet dieħla sa minn kmieni biex tisma' u tara x'kien ġara sewwa. Il-Belt kienet fil-luttu, bl-istrixxi suwed fuq il-bibien tad-djar u tal-ħwienet. Fi Strada Forni u fil-Pjazza fejn kien hemm id-demm tal-mejtin, intefgħu l-kuruni tal-fjuri u bdiet issir ġabra għall-familji tagħhom. Kulħadd beda jitfa' l-fidda u xi wħud tefgħu l-liri.

Wara n-nies tal-kampanja, bdew dieħla n-nies tal-bliet. Strada Rjali reġgħet imtliet. Għad-9.30 fi Strada Stretta ġie attakkat suldat tal-istess reġiment ta' dawk li sparaw u, bix-xebgħa li qala', ġie mħolli għal mejjet. U reġgħet intefgħet sulfarina oħra. Intefgħu xi soldi mill-folla għall-Club u mill-Club għall-folla. Il-folla fferoċjat u ntefgħet fuq il-bieb kbir tal-Club biex tattakkah. Imma laħqu l-Marines mal-kapijiet tal-Pulizija. Il-Marines taw tiri fl-ajru u l-folla tferrxet. Iżda n-nies kienet reġgħet ħraxet u marret biex tagħti n-nar lill-uffiċċju u l-istamperija tal-Chronicle.

### Xnigħat ta' aktar attakki

Il-Ħadd filgħodu xterdet ukoll *ix-xniegħa li kienu ser jattakkaw* id-dar kbira tal-Kurunell Francia quddiem it-Teatru. F'xi l-ħdax u nofs, il-Kurunell Francia, li kellu l-magna tad-dqiq bħas-Sur Tonin Cassar Torregiani, ċempel lill-Pulizija u lill-Militar biex jitlob il-protezzjoni tagħhom.

Sadattant dak il-Ħadd filgħodu kont għand in-nannu meta ġew ikellmuh xi sinjuri li ma niftakarx min kienu. Niftakar biss lill-Konti Caruana Gatto, irqiq irqiq, irewwaħ bi mrewħa tan-nisa u aktarx li għalhekk baqa' stampat fuq il-memorja. Jidhirli li kien hemm miegħu Monsinjur De Piro. Dr Sceberras, Dr Enrico Mizzi u l-Konti Caruana Gatto mbagħad marru l-Palazz, fejn il-Ġeneral Hunter-Blair talabhom jindirizzaw il-folla biex tmur id-dar u qallhom li, jekk il-Pulizija ma kinitx tlaħħaq mal-folla, kien ikollu jerġa' jsejjaħ lit-truppi u ma kienx responsabbli mbagħad ta' dak li jista' jerġa' jiġri.

Id-delegazzjoni aċċettat li tagħmel ħilitha biex tikkalma l-folla u talbet lill-Ġeneral, li kien jagħmilha ta' Gvernatur illi, fil-każ li kien ikollu jerġa' jsejjaħ lit-truppi, kellu jsejjaħ truppi Maltin biex il-folla ma tiħraxx iktar. Hunter-Blair wiegħed li jagħmel hekk.

Il-Ħadd waranofsinhar, il-Konti Caruana Gatto, Monsinjur De Piro u l-Avukat Serafin Vella ppruvaw jikkalmaw il-folla, li kellha magħha l-agħar tipi tal-pajjiż u li kienet folla wisq differenti minn dik tas-Sibt filgħaxija. Il-folla ma ħallithomx jitkellmu. Għal xi s-sitta, il-folla attakkat id-dar ta' Francia. Il-Kurunell u wliedu kellhom jistaħbew fil-kantina f'xi kritel. Għal xi s-7.00, 150 suldat tal-R.M.A. ġew ordnati jmorru fejn id-dar tal-Kurunell Francia. Il-folla laqgħethom bl-applawsi għax kienu suldati Maltin. Is-suldati kienu taħt il-kmand tal-Maġġur Dedomenico u kellhom l-ordni li jimxu skont il-bżonn. Iżda ma ġiet mogħtija l-ebda ordni. Waslu 100 suldat ieħor tal-R.M.A., taħt il-Maġġur W. Dunbar Vella li, għad li kellu l-ordni li jipproteġi d-dar ta' Francia, ma rnexxielu jagħmel xejn minn dan kollu.

Sadattant il-folla daħlet fid-dar, ħarbtitha u bdiet titfa' l-fided u l-isbaħ mobbli mill-gallarija u mit-twieqi. Intefa' barra sal-pjanu. Il-folla mbuttat lit-truppi sa fejn l-istazzjon tal-ferrovija. Kienet lezzjoni li, f'pajjiż żgħir bħal tagħna, ma tistax tibgħat truppi Maltin għal kontra l-Maltin, għaliex is-suldati jibżgħu jisparaw fuq il-folla għax ma jafux hemmx nieshom.

*Fis-7.30 ta' filgħaxija*, meta kien beda jidlam, waslu 140 *Marine bl-ordni li jbattlu* Strada Rjali u jipproteġu d-dar ta' Francia. Il-baħrin kellhom ordni stretta li ma jisparawx. Fi ftit minuti l-baħrin irnexxielhom jikklerjaw id-dar ta' Francia u Strada Rjali. Kieku fis-7 ta' Ġunju ntbagħtu numru kbir ta' baħrin, li f'pajjiżna kienu popolari, kieku aktarx ma xteridx id-demm.

Iżda folla oħra fil-Ħamrun, fit-8.30 ta' filgħaxija, attakkat id-dar tas-Sur Farrugia tad-dqiq.

Meta waslu l-baħrin ħdejn id-dar ta' Francia, Carmelo Abela kien ħdejn il-bieb tal-ġenb isejjaħ 'l ibnu. Żewġ Marines riedu jarrestawh. Hu għamel reżistenza u Marine minnhom nifidlu żaqqu u miet fl-Isptar Ċentrali, fis-16 ta' Ġunju.

Il-mejtin tas-Sette Giugno kellhom funeral kbir u fiċ-ċimiterju, fuq il-qabar tagħhom, hemm monument sabiħ tal-iskultur Anglo-Russu Edwards, li kien ġie Malta mar-rifuġjati Russi.

Għal bosta ġranet, il-ħwienet, il-banek u l-uffiċċji tal-Belt baqgħu magħluqa. It-truppi kienu confined to barracks u l-Isqof Portelli, li kien Vigarju Ġenerali u li kien maħbub minn kulħadd, speċjalment mill-ħaddiema, għen kemm felaħ, flimkien mad-Dumnikani, biex jikkalma l-poplu u jgħidlu li jisma' biss mill-mexxejja tiegħu bħat-Tabib Sceberras, l-Avukat Caruana Gatto u Monsinjur De Piro, li kien jaf li kienu nies moderati u li kien qiegħed jaħdem id f'id magħhom.

**Din il-kitba hi silta mill-ktieb**
**RAJT MALTA TINBIDEL**
**Pubblikazzjoni: Klabb Kotba Maltin (KKM).**
***Ħajr lis-Sur Joseph Mizzi***